# Editorjal

Matul din is-sena, l-editorjal se jiffoka fuq it-tema tal-katekeżi.
Nirringrazzjaw lil Fr Carl M Sultana li se jaqsam magħna l-ħsibijiet tiegħu.

## Il-Ħajja tat-Talb

Il-bniedem li jixtieq jgħix il-ħajja nisranija fil-milja kollha tagħha, filwaqt li jibqa' jgħix f'din id-dinja għandu quddiemu proġett li mhux dejjem ikun faċli. Dan għaliex id-dinja ta' madwarna hija mimlija b'affarijiet li jistgħu itellfuna milli ngħixu ħajja nisranija tassew tajba. Għal dan l-inkonvenjent, in-nisrani jsib wieħed mir-rimedji fit-talb. Bit-tibdil tas-soċjetà li fiha qegħdin ngħixu, in-nisrani qatt ma jista' jitgħallem jitlob waħdu, jew inkella billi jara lil ħaddieħor jitlob. Dan għaliex is-sitwazzjoni fejn qabel it-tfal kienu jitgħallmu jitolbu billi jitolbu mal-ġenituri tagħhom, illum kważi spiċċat għal kollox. Għaldaqstant, il-katekeżi taħseb għal dan ukoll.

Wieħed mill-għanijiet tal-katekeżi, speċjalment dik li ssir bi preparazzjoni għad-dħul fil-ħajja nisranija, huwa li tressaq lill-persuna lejn il-ħajja tat-talb, u li tintroduċiha għall-modi differenti ta' kif tista' titlob. Huwa permezz tal-katekeżi, li t-tfal u l-adulti jitgħallmu kif jitolbu. Il-ħajja nisranija hija mogħnija b'modi differenti ta' talb u ta' modi kif ir-ruħ tista' tintrefa' lejn Alla biex tidħol f'kuntatt dirett miegħu. Għaldaqstant, minbarra t-talb vokali, fis-skiet, fil-privat, jew b'formoli fissi, wieħed mill-aktar modi ta' talb importanti għan-nisrani, huwa s-sehem fit-talb tal-komunità kollha f'daqqa, meta tinġabar għall-assemblea liturġika. Dan għaliex fil-liturġija jinġabru flimkien is-smigħ tal-Kelma ta' Alla, u mumenti ta' ringrazzjament, tifħir, petizzjoni, silenzju, u numru ta' simboli li jgħinu lill-persuni jitolbu.

Is-simboli fid-dinja ta' llum qed jitilfu ħafna mill-qawwa tagħhom, għaliex dak li propju jissimbolizzaw qiegħed jintilef bil-mod il-mod mal-medda taż-żmien. Għalhekk, jista' jiġrilna li dawn is-simboli ma jibqgħux jinftiehmu, u jispiċċaw itellfu lil min ikun qed jipparteċipa fil-liturġija aktar milli jgħinuh jidħol aktar fil-fond tal-misteru li jirrappreżentaw. Hu għalhekk li fil-katekeżi jiġu spjegati s-simboli li jintużaw fil-mumenti ta' talb liturġiku. Il-persuna li tifhem dawn is-simboli, ma tiqafx f'dak li jidher minn barra biss, imma tidħol fil-qalba tal-misteru li jkun qed jiġi ċċelebrat. Mingħajr il-katekeżi ħafna mis-simboli li jintużaw fl-assemblea liturġika jibqgħu vojta, u jsiru affarijiet jew oġġetti li ma jfissru xejn aktar minn dak li jidher fil-għajn.

Il-quċċata tal-ħajja nisranija tintlaħaq bis-sehem attiv fil-liturġija. Dan is-sehem attiv jintlaħaq meta l-persuna tifhem it-talb li jkun qed jingħad bis-saħħa tas-simboli li jintużaw biex ifissru l-ħsieb u l-misteru profond wara dak it-talb.